32001L0038

10.7.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 187/43

# ID-DIRETTIVA 2001/38/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-5 ta' Gunju, 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE dwar ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura mneħħija meħuda b'mod illegali mit-territorju ta' Istat Membru

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixi l-Komunitajiet Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni,

Waqt li jagixxu b'mod konformi in konformità mal-proceduri msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) L-istabbilment ta' Unjoni Ekonomiku u Monetarja u l-qlib għall-euro għandhom effett fuq l-aħħar subparagrafu taħt l-intestatura B ta' l-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE ([3]) li jistabilixxi l-valuri, mogħtija f'eku, ta' l-oggetti ta' kultura soggetti għall-applikazzjoni tad-Direttiva. Dak is-subparagrafu jistabbilixxi li d-data għall-konverzjoni ta' tali valuri fil-muniti nazzjonali għandha tkun l-1 ta' Jannar, 1993.

(2) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 ta' Gunju, 1997 dwar certi disposizzjonijiet dwar l-introduzzjoni ta' l-euro ([4]), kull referenza għall-eku fi' strumenti legali saret, mill-1 ta' Janna,r 1999, referenza għall-euro, wara l-konverzjoni bir-rata ta' wieħed għal wieħed. Mingħajr emenda għad-Direttiva 93/7/KEE, u allura għar-rata fissa ta' kambju li tikkorrispondi għar-rata fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1993, l-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom għandhom ikomplu japplikaw ammonti differenti konvertiti fuq il-bazi tar-rati tal-kambju ta' l-1993, u mhux ir-rati ta' konverzjoni iffissati b'mod irrevokabbli fl-1 ta' Jannar, 1999, u din is-sitwazzjoni tippersisti sakemm ir-regola ta' konverzjoni baqgħet parti ntegrali tad-Direttiva.

(3) L-aħħar subparagrafu taħt l-intestatura B ta' l-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE għandu għalhekk ikun emendat b'tali mod li, mill-1 ta' Jannar, 2002, l-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom japplikaw direttament il-valuri fl-euro stabbiliti fil-legislazzjoni tal-Komunità. Għall-Istati Membri l-oħra, li għandhom ikomplu jikkonvertu dawn it-thresholds muniti f'muniti nazzjonali, rata tal-kambju għandha tigi adottata f'data addattata qabel l-1 ta' Jannar, 2002, u għandha ssir disposizzjoni provvizjoni għal dawk l-Istati Membri biex jadattaw dik ir-rata awtomatikament u perjodikament biex jikkompensaw għal varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

(4) Jidher li l-valur 0 (xejn) (zero) taħt l-intestatura B ta' l-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE, applikabbli bħala t-threshold finanzjarju għal certi kategoriji ta' oggetti ta' kultura, jista' jkun interpretat b'tali mod li jipperikola l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva. Billi dan il-valur 0 (xejn) (zero) ifisser li l-oggetti li jappartienu lill-kategoriji in-kwistjoni, hu x'inhu l-valur tagħhom - ukoll jekk huwa negligibbli jew xejn - għandhom ikunu meqjusa "oggetti ta' kultura" fl-ambitu tas-sinjifikat tad-Direttiva, kif imfisser fid-Direttiva certi awtoritajiet interpretawh b'tali mod li l-oggett ta' kultura n-kwistjoni m'għandu edba valur, b'hekk icaħħdu dawk il-kategoriji ta' oggetti mill-protezzjoni ipprovduta fid-Direttiva.

(5) Biex ikun evitat kull dizgwid f'dan ir-rigward, għaldaqstant, ic-cifra 0 għandha tinbidel b'espressjoni aktar cara li ma tħalli ebda dubju dwar il-ħtiega li jigu protetti l-oggetti in-kwistjoni,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 1*

Fl-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE, is-test taħt l-intestatura B huwa hawnhekk mibdul kif gej:

1. It-titlu "VALUR: 0 (xejn) (zero)" għandu jkun mibdul bi':

   "VALUR:

   Hu x'inhu l-valur"

2. L-aħħar subparagrafu, dwar il-konverzjoni f'muniti nazzjonali tal-valuri mogħtija f'ekus, għandhom jinbidlu b'dan li gej:

   "Għall-Istati Membri li m'għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom, il-valuri mogħtija fil-euro fl-Anness għandhom jigu konvertiti u mogħtija fil-muniti nazzjonali bir-rata tal-kambju ta' nhar il-31 ta' Dicembru, 2001 ippublikata fil-Gurnal Ufficjali tal-Komunitajiet Ewropew. Dan il-kontravalur f'muniti nazzjonali għandu jigi rivedut kull sentejn b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2001. Il-kalkolu ta' dan il-kontravalur għandu jkun ibbazat fuq il-medja tal-valur ta' kuljum ta' dawk il-muniti, mogħti fil-euro, matul l-24 xahar li jagħalqu fl-aħħar jum ta' Awwissu qabel ir-revizjoni li tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Dicembru. Il-Kumitat Konsultattiv fuq Oggetti ta' Kultura għandu

([1]) ĠU C 120 E, ta' l-24.4.2001, p. 182.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Frar, 2001 u d-Decizjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Mejju, 2001.
([3]) ĠU L 74, tas-27.3.1993, p. 74. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 96/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (OJ L 60, ta'l-1.3.1997, p. 59).
([4]) ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1.

jirrevedi dan il-metodu ta' kalkolu, fuq proposta mill-Kummissjoni, fil-principju sentejn wara l-ewwel applikazzjoni. Ghal kull revizjoni, il-valuri moghtija fil-euro u l-kontravaluri taghhom f'munita nazzjonali ghandhom ikunu publikati fil-*Gurnal Ufficjali tal-Komunitajiet Ewropew* fl-ewwel granet tax-xahar ta' Novembru qabel id-data li fiha r-revizjoni tidhol fis-sehh."

*Artikolu 2*

L-Istati Membri ghandhom idahhlu fis-sehh il-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi mehtiega biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Dicembru, 2001. Huma ghandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan:

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif għandha ssir referenza bħal din għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament ghandu jidhol fis-sehh fl-ghoxrin jum mill-pubblikazzjoni tieghu fil-Gurnal Ufficjali tal-Komunitajiet Ewropew.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Maghmula fil-Lussemburgu, 5 ta' Gunju, 2001.

| *Ghall-Parlament Ewropew* | *Ghall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| N. FONTAINE | L. ENGQVIST |